Kelma tal-Ħajja

Mejju 2009

"Kull wieħed minnkom jgħix skond id-don li rċieva u jinqeda bih għall-ġid tal-oħrajn" (1 *Pt* 4,10) [1]

Edith, għamja mit-twelid, tgħix ma' persuni oħra għomja f'istitut fejn il-kappillan, li għandu riġlejh ipparalizzati, ma jistax jiċċelebra l-Quddies. Minħabba f'hekk kien hemm min irid ineħħi 'l Ġesù Ewkaristija minn dik id-dar. Edith talbet lill-isqof biex iħallihulhom bħala l-uniku dawl għad-dlam tagħhom. Il-permess ingħatalha u miegħu permess ieħor biex tqarben hija stess lill-kappillan u 'l sħabha.

Xewqana li tkun utli għall-oħrajn, Edith tmexxi programm fuq ir-radju li jdum sejjer għal xi sigħat. B'hekk hi tista' toffri mit-tajjeb li għandha: pariri, ħsibijiet utli, tweġibiet ċari fuq il-morali, eċċ. Bl-esperjenza tagħha hi tgħin lil dawk li qed ibatu. Edith... nista' nkompli ngħid aktar dwarha. Hi għamja u t-tbatija dawlitha.

Kemm aktar eżempji nista' nirrakkuntalek! It-tajjeb jeżisti imma ma jagħmilx ħoss. Edith prattikament tgħix ta' nisranija: hi taf li kull wieħed minna rċieva kwalitajiet tajba u bihom għandu jaqdi lill-oħrajn.

Iva, għax bil-kelma "don" (jew "kariżma" li ġejja mill-Grieg) ma nifhmux biss dawk il-grazzji li Alla jagħti 'l-mexxejja tal-Knisja. U lanqas ma tfisser biss dawk id-doni mhux tas-soltu li hu jagħti direttament lil xi ħadd mill-fidili għall-ġid ta' kulħadd, meta jara li l-Knisja tkun teħtieġ tirrimedja għal xi sitwazzjonijiet eċċezzjonali, jew għal xi perikli serji li għalihom l-istituzzjonijiet tal-Knisja ma jkunux biżżejjed. Dawn id-doni jistgħu jkunu l-għerf, ix-xjenza, id-don tal-mirakli u tal-lingwi, il-kariżma li biha titwaqqaf spiritwalità ġdida fil-Knisja, u doni oħrajn.

Mhux dawn biss huma doni jew kariżmi, imma hemm oħrajn iktar sempliċi li ħafna nies għandhom u li tinnutahom minħabba l-ġid li jagħmlu. L-Ispirtu s-Santu jaħdem.

Barra minn hekk anki t-talenti naturali jistgħu jissejħu doni jew kariżmi. Għalhekk kulħadd għandu minnhom. Inti wkoll.

U kif għandek tużahom? Ara kif tista' tħaddimhom. Huma ngħatawlek mhux għalik biss, imma għall-ġid ta' kulħadd.

"Kull wieħed minnkom jgħix skond id-don li rċieva u jinqeda bih għall-ġid tal-oħrajn".

Bla għadd hi l-varjetà tad-doni. Kull wieħed għandu d-don tiegħu u għalhekk fil-komunità għandu l-funzjoni speċifika tiegħu.

Imma għidli ħaġa: x'don għandek int? Għandek xi ċertifikat, diploma, xi lawrja? Qatt ma ħsibt li toffri xi ftit sigħat fil-ġimgħa biex tgħallem 'il min ma jafx, jew 'il min m'għandux il-mezzi biex jistudja?

Għandek qalbek partikolarment ġeneruża? Qatt ħsibt biex tgħaqqad il-forza

Referenzi:

1) Kelma tal-ħajja, Jannar 1979, ippubblikata f'Essere la Tua Parola. Chiara Lubich e cristiani di tutto il mondo, vol. I, Roma 1980, p.157-159.

bħal sess, frugħa, rabta mal-flus u vjolenza.

Jekk tishar dejjem, qatt ma tinqabad għall-għarrieda.

Imma jishar sew min iħobb. Meta tħobb jeħtieġlek tishar.

Meta tħobb 'il xi ħadd, qalbek tishar u tistenna l-ħin kollu, u kull mument mingħajr dik il-persuna, inti tgħixu għaliha.

Hekk tagħmel il-mara li tħobb meta tkun qed titħabat, jew tħejji dak li jkun meħtieġ għall-maħbub tagħha li ma jkunx ħdejha. Hi tagħmel kollox għalih. U meta jasal, fit-tislima ferrieħa li tagħtih, ikun hemm ix-xogħol kollu ferħ ta' matul il-jum.

Hekk tagħmel omm meta tistrieħ xi ftit hija u tieħu ħsieb binha marid. Hi torqod, imma qalbha tishar.

L-istess ħaġa jagħmel min iħobb 'il Ġesù. Jagħmel kollox għaliH. Hu jiltaqa' miegħu meta jkun qed jagħmel ir-rieda Tiegħu ta' kull mument, u jiltaqa' miegħu fil-jum li fih għad jasal.

Kien it-3 ta' Novembru, 1974.

F'Santa Maria, fin-nofsinhar tal-Brażil, intemmet laqgħa spiritwali li fiha ħadu sehem 250 żgħażugħ u żagħżugħa. Ħafna minnhom kienu ġejjin minn Pelotas.

L-ewwel karrozza telqet b'45 ruħ fuqha: kant, ħafna ferħ, ħafna mħabba għal Ġesù. Ħin minnhom waqt il-vjaġġ xi tfajliet bdew jgħidu r-rużarju bil-misteri tat-tbatija. Lill-Madonna talbuha li jibqgħu fidili lejn Alla, sal-mewt.

Il-karrozza ġarrbet il-ħsara waqt li kienet f'dawra u baqgħet nieżla mal-ħamsin metru 'l isfel. Hi u nieżla nqalbet tliet darbiet. F'dan l-inċident mietu sitt tfajliet.

Waħda minn dawk li baqgħu ħajjin qalet: "Rajt il-mewt mill-qrib, imma ma bżajtx għax Alla kien hemm".

Oħra qalet: "Meta ndunajt li qalb dak it-tifrik ma stajtx niċċaqlaq, ħarist lejn il-kwiekeb tas-sema u, għarkubtejja qalb sħabi mejta, tlabt. Alla kien qiegħed hemm ħdejna... ". Missier Carmen Regina, waħda mill-vittmi, qal li bintu sikwit kienet tgħid: "Papà, sabiħa l-mewt, għax tmur toqgħod ma' Ġesù".

"Ishru, mela, għax ma tafuhx il-jum li fih jiġi Sidkom".

It-tfajliet ta' Pelotas, għax kienu jħobbu, kienu jishru, u meta l-Mulej wasal, marru jilqgħuh bil-ferħ.

Chiara Lubich